MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-10 ta' Settembru, 2012

Numru. 880/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daniel Zammit)**

**vs**

**DANIEL SAMMUT**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Daniel Sammut ta 24 sena, iben Generoso u Mary nee' Camilleri, imwieled Pieta' fid-9 ta' Mejju 1988, detentur tal-karta ta' identita bin-numru 238288M u residenti gewwa 56, Orchids, Triq in-Nirien, Siggiewi;

Gie akkuzat talli fis-26 ta' Gunju 2012 ghall habta tal-hdax ta' filghaxija (23:00hrs), gewwa Triq Pietro Floriani, Floriana, bi vjolenza jew b'theddid gieghel ufficjali pubblici

li jaghmlu jew ma jaghmlux xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga taghhom;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ngurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PC1297 Fredrick Borg, persuna inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb fuq PC1297 Fredrick Borg, li hija vjolenza pubblika, u li huwa persuna inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien jagixxi ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta ordni moghtija skond il-ligi mill awtorita;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament hebb ghal-persuna ta' PC1297 Fredrick Borg u kkagunalu feriti ta' natura hafifa skond ma ccertifika Dr. A. Cordina mic-Centru tas-Sahha tal-Floriana;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamel hsara fi propjeta ta' PC1297 Fredrick Borg, liema hsara hija inqas minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) izjed minn tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29), ghad-dannu ta' PC1297 Fredrick Borg;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. DZ8 u nnutat li l-imputat Daniel Sammut m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv l-ewwel akkuza u t-tielet akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv l-ewwel akkuza u t-tielet akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Daniel Zammit ghall-Prosekuzzjoni ddikjara li l-ewwel akkuza u t-tielet akkuza migjuba kontra l-imputat inghataw bhala akkuzi alternattivi ghat-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat u konsegwentement talab li l-Qorti tastjenti milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija l-ewwel akkuza u t-tielet akkuza migjuba kontra l-imputat.

Innutat ukoll li fis-Seduta tallum l-imputat skuza ruhu ma' PC 1297 Fredrick Borg presenti fl-Awla u inoltre obbliga ruhu li fi zmien xahar millum ihallsu s-somma ta' €75 bhala hsara sofferti tan-nuccali mill-istess PC 1297 Fredrick Borg.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 95, 339(1)(d), 221, 325(1)(c) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Daniel Sammut, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv l-ewwel akkuza u t-tielet akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali tal-imputat u l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, tillibera lill-istess imputat Daniel Sammut taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta'

Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum u inoltre tikkundanna lill-imsemmi Daniel Sammut ghall-piena ta' mija u hamsin Ewro (Ewro 150) multa.

Inkwantu l-ewwel akkuza u t-tielet akkuza migjuba kontra l-imputat, fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Daniel Zammit ghall-Prosekuzzjoni fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward l-imsemmija l-ewwel akkuza u t-tielet akkuza migjuba kontra l-imputat kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija l-ewwel akkuza u t-tielet akkuza migjuba kontra l-imputat.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Daniel Sammut l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------